# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 507/2016JB

Numru: 2

**William Polidano (K.I.: 339863M)**

***vs***

**Alan Mark Gatt (K.I.: 224291M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-8 ta' Novembru 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef, mija u sebgha u disghin euro u hamsin centezmu (€4,197.50) rapprezentanti l-ekwivalenti ta' sitt xhur kera bhala pre-avviz bil-miktub li l-Konvenut naqas li jaghti ghat-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-hanut 36, Triq il-Palma, Paola. Talab ukoll l-ispejjez u l-imghax.

Ra li l-Kawza giet debitament appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 (a fol 8);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat (a fol 12ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar it-18 ta' Jannar 2017 ipprezenta risposta (a fol 13) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-Attur u dan stante li l-kuntratt li qed jaghmel riferenza ghalih l-Attur qatt ma gie ffirmat mill-Konvenut u li l-firem li jidhru fuq dan il-kuntratt mhumiex tal-Konvenut;

2. Illi ghalhekk ma hu dovut l-ebda ammont skond il-premessi ta' din it-talba;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, kull ammont dovut thallas diga ghas-saldu mill-Konvenut lill-Attur;

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar 2017 fejn it-Tribunal irrileva li in vista tal-fatt li l-kawza tirrigwarda kirja, jista' jaghti l-kaz li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi din l-azzjoni u dderiga lid-difensuri tal-partijiet sabiex jirregolaw ruhhom f'dan ir-rigward anke billi jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghall-informazzjoni ulterjuri dwar din l-eccezzjoni sollevata *ex officio*;

Ra li fis-seduta tal-lum id-difensuri tal-partijiet trattaw din l-eccezzjoni u l-kawza giet posposta ghal decizjoni;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-pretensjoni attrici hija msejjsa fuq kuntratt ta' kera. Kemm it-talba kif ukoll ir-risposta jaghmlu ampja riferenza ghal dan u ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni f'dan is-sens.

Issa l-Qorti tal-Appell f'ghadd ta' sentenzi moghtija fis-16 ta' Dicembru 2015, inkluz dik fl-ismijiet "Salvatore Bartolo *et vs* Anthony Deguara *et*" qieset id-diversi dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili u tal-Kap. 69 li jirrigwardaw il-kompetenza tal-Bord tal-Kera u kkonfermat sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fejn gie deciz li mghandux kompetenza sabiex jitratta kwistjonijiet naxxenti minn kuntratt ta' kirja li tkun giet terminata, bhal fil-kaz odjern.

Ghalhekk iqis li t-Tribunal mghandux gurisdizzoni sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kawza.

Ikkunsidra;

Illi l-Art. 741 tal-Kap. 12 jipprovdi dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza liema eccezzjoni tista' tinghata anke meta kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha. Izda f'kaz meta din l-eccezzjoni tirrizulta ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet *in camera*, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża.

Mid-dicitura ta' din id-dispozizzjoni jidher li hija "qorti" li tista' tibghat l-atti sabiex jigu trattati quddiem "qorti, bord jew tribunal". Fil-kaz odjern, fejn fil-fehma tat-Tribunal il-kawza kellha ssir quddiem il-Bord tal-Kera, ma jidhirx li dan it-Tribunal ghandu s-setgha li jitrasferixxi l-atti izda dawn ghandhom jigu proposti mill-gdid skond il-procedura viggenti ghal dak il-Bord.

Ikkunsidra;

Fic-cirkostanzi, anke tenut kont tal-fatt li l-eccezzjoni tqajjmet mit-Tribunal *ex officio*, it-Tribunal iqis li l-ispejjez ghanddhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza stante li mghandux gurisdizzjoni.  In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*